



## Miżuri li ttieħdu mill-QEA fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ħadet il-passi meħtieġa biex tkun tista' tkompli tipprovdi servizz tal-awditjar pubbliku fl-UE li jkun effettiv, u biex twassal rapporti, opinjonijiet u rapporti analitiċi tal-awditjar f'waqthom, matul il-pandemija tal-COVID-19, sa fejn dan ikun possibbli f'dawn iż-żminijiet diffiċli. Fl-istess ħin, qed nesprimu l-gratitudni tagħna lil dawk kollha li jaħdmu biex isalvaw il-ħajjiet u tiġi miġġielda l-pandemija, kemm fil-Lussemburgu kif ukoll fl-UE u madwar id-dinja. Nibqgħu wkoll impenjati li nappoġġaw il-politika tal-Gvern Lussemburgiż biex tiġi salvagwardjata s-saħħa pubblika. Aħna qed nimmitigaw l-effetti li l-kriżi tas-saħħa li għaddejja bħalissa qed ikollha fuq il-persunal tagħna u ħadna miżuri ta' prekawzjoni biex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju għalihom u għall-familji tagħhom.

## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-21 ta' April 2020

### L-Awdituri jwissu li t-tlestija tan-netwerk tat-toroq tal-UE qed tipprogressa bil-mod u li l-ispejjeż tal-manutenzjoni huma sors ta' tħassib li qed jikber

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), in-netwerk ewlieni trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) ta' toroq li jippermettu sewqan veloċi qed jissaħħaħ u qed jikseb riżultati pożittivi għall-vjaġġaturi, bħal ħinijiet tal-ivvjaġġar iqsar u aktar mili fl-awtostradi. Il-finanzjament mill-UE u l-azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni Ewropea kkontribwew b'mod pożittiv għal dawn ir-riżultati, iżda l-biċċa l-kbira mill-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant għadhom lura u, mill-2014 'il hawn, tlestew biss madwar 400 km ta' toroq ġodda tat-TEN-T bl-appoġġ tal-UE. Barra minn hekk, l-ivvjaġġar mingħajr xkiel fit-toroq tul in-netwerk huwa mfixkel minħabba sezzjonijiet transkonfinali li mhumiex lesti, kif ukoll minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni f'dak li jirrigwarda l-parkeġġi u l-infrastruttura tal-karburant nadif, filwaqt li n-nuqqas ta' manutenzjoni suffiċjenti min-naħa tal-Istati Membri, matul iż-żmien, ipoġġi l-kundizzjoni tan-netwerk f'riskju.

It-toroq jirrappreżentaw l-akbar sehem tat-trasport tal-passiġġieri u ta' dak tal-merkanzija fl-UE. Sal-2030, il-Kummissjoni għandha l-għan li tlesti kważi 50 000 km ta' awtostradi u toroq għat-traffiku veloċi li jkopru d-disa' kurituri ewlenin tat-TEN-T u r-rotot kollha maġġuri tat-traffiku tal-

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

UE. Mill-2007 'l hawn, hija tat lill-Istati Membri madwar EUR 78 biljun biex jibnu toroq ġodda u jiġu ristrutturati dawk eżistenti, inkluż madwar EUR 40 biljun għal dawk li jinsabu fuq in-netwerk.

L-awdituri vvalutaw il-progress li sar – kif ukoll ir-rwol tal-Kummissjoni – f'dak li jirrigwarda t-tlestija ta' netwerk ewlieni tat-toroq tat-TEN-T li jiffunzjona kompletament. Huma vverifikaw ukoll il-kontribuzzjoni tal-Istati Membri għall-manutenzjoni tat-toroq u wettqu żjarat fil-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Spanja u l-Polonja.

*“It-toroq għandhom rwol sinifikanti fil-ħolqien ta' konnessjoni bejn il-pajjiżi u r-reġjuni tal-UE, b'hekk jikkontribwixxu għall-attività, l-iżvilupp u t-tkabbir tal-ekonomija tagħhom,” qal Ladislav Balko, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport. “In-netwerk ewlieni tat-toroq tal-UE qed jagħmel progress, iżda għadu mhux kompletament funzjonali”.*

Mill-2007 sal-2017, inbnew madwar 3 100 km ta' awtostradi bl-appoġġ tal-UE, u dan għen biex l-ivvjaġġar isir aktar veloċi, aktar sikur u aħjar. Madankollu, minn madwar 2 000 km ta' awtostradi ġodda li kienu ppjanati fil-perjodu 2014-2020, kienu tlestew inqas minn 400 km saż-żmien meta sar l-awditu – lejn tmiem l-2019. L-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għal diskrepanza bejn il-livell ta' żvilupp tan-netwerk ewlieni fl-Istati Membri tal-Punent u f'dawk tal-Ewropa Ċentrali/tal-Lvant.

Il-Kummissjoni kellha rwol strateġiku importanti fil-prijoritizzazzjoni tat-tlestija tar-rotot tat-traffiku l-aktar importanti: hija introduċiet in-netwerk u l-kuritur ewlenin fir-regolamenti tal-UE, stabbiliet kundizzjonijiet fuq il-finanzjament u ħeġġet lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lin-netwerk tat-TEN-T fl-ippjanar tagħhom. Minkejja dan, l-Istati Membri jiddedikaw terz biss tal-finanzjament disponibbli mill-UE għall-perjodu 2014-2020 għan-netwerk ewlieni, għalkemm fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali/tal-Lvant – l-akbar beneficijarji tal-fondi strutturali tal-UE – in-netwerk kien suġġett għal rati ta' tlestija li kienu baxxi.

Il-Kummissjoni mhux dejjem timmonitorja n-netwerk ewlieni kollu kemm hu u ma għandhiex objettivi intermedjarji biex tivvaluta l-progress b'mod preċiż u tagħmel previżjonijiet affidabbli dwar jekk huwiex probabbli li dan se jitlesta sal-2030. Dawn id-dgħufijiet fil-monitoraġġ, kif ukoll il-fatt li l-Istati Membri jipprovdu *data* li mhijiex f'waqtha u affidabbli, idgħajfu l-kapaċità tagħha li tiegħu azzjoni korrettiva f'waqtha jekk ikun meħtieġ.

L-awdituri jwissu li l-baġits nazzjonali għall-manutenzjoni qed jonqsu b'mod kostanti, aktar milli jiżiedu skont l-infrastruttura li qed tikber u t-tqaddim tal-konnessjonijiet kruċjali. Għalkemm dan jista' jkollu impatt fuq jekk in-netwerk huwiex se jkun kompletament funzjonali sal-2030, il-Kummissjoni ma għandhiex għodod biex tivverifika jekk l-Istati Membri għandhomx sistema solida biex tiġi żgurata l-manutenzjoni xierqa tat-toroq tagħhom.

L-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni tagħti prijorità lill-investiment fin-netwerk ewlieni tat-toroq, ittejjeb l-arranġamenti ta' monitoraġġ, u ssaħħaħ l-approċċ tagħha biex tiżgura l-manutenzjoni adegwata, min-naħa tal-Istati Membri, tan-netwerk li qed jikber.

## Noti lill-Edituri

Fl-2013, meta ġie adottat ir-Regolament dwar it-TEN-T, l-objettiv kien li n-netwerk komprensiv tat-toroq jitlesta biex jiġu konnessi r-reġjuni kollha tal-UE sal-2050, filwaqt li n-netwerk ewlieni jitlesta sal-2030. Fl-2016, meta ġiet ikkompilata d-*data* l-aktar reċenti, il-medja tar-rati ta' tlestija għat-toroq ewlenin tat-TEN-T fl-UE kollha kienet ta' 77 %. Fiż-żmien meta sar l-awditu, ir-rati għall-erba'

pajjiżi li saritilhom żjara kienu ta' 46 % fil-Bulgarija, madwar 75 % fil-Polonja, madwar 78 % fir-Repubblika Ċeka u 100 % fi Spanja.

Mir-rotot li ġew eżaminati għal dan l-awditu, l-akbar żieda fit-tul (190 %, minn 200 km sa 580 km) u ffrankar ta' ħin (8 %) bejn l-2012 u l-2019 kienu fuq ir-rotta Tallinn-Vjenna (bi tqabbil mar-rotot Madrid–Varsavja, Bucharest–Pariġi u Burgas–Berlin). Skont l-OECD, l-infiq medju tal-Istati Membri għall-manutenzjoni tat-toroq naqas bi kważi n-nofs bejn l-2007 u l-2017. Mill-erba' pajjiżi li saritilhom żjara, fi Spanja biss in-netwerk huwa meqjus li huwa ġeneralment fi stat tajjeb.

Ir-Rapport Speċjali Nru 9/2020 "In-netwerk ewlieni tat-toroq tal-UE: ħinijiet tal-ivvjaġġar iqsar, iżda n-netwerk għadu mhux kompletament funzjonali" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE. Qabel, il-QEA kienet ippublikat rapporti dwar it-trasport [bit-triq](#), [bil-ferroviji](#), [bl-ajru](#), [marittimu](#) u [minn passaġġi fuq l-ilma interni](#). Hija kienet iddedikat ukoll ħarġa tal-[Ġurnal tal-QEA](#) għat-trasport u se toħroġ rapport dwar l-infrastrutturi kbar tat-trasport li huma ffinanzjati mill-UE f'qasir żmien.

*Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport:*

*Damijan Fišer – E: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) T: (+352) 4398 45 510 / M: (+352) 621 55 22 24*